TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 179/14-F

**Epifanio Pulis**

**vs**

**Auto Sales Ltd.**

Illum 9 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'Awwissu, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija, u tlieta u sittin ewro (€163), rappreżentanti prezz ta' batterija taċ-ċavetta stante li l-batterija tas-*central locking* ma baqgħetx taħdem.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien mar għand id-ditta ntimata sabiex tinbidillu l-batterija taċ-ċavetta u wara li nbidlitlu l-batterija taċ-ċavetta, l-istess ċavetta ma ħadmitx. Illi meta reġa' mar għand id-ditta ntimata xorta ma startjatx u kellu jixtri ċavetta ġdida.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi la darba tinfetaħ iċ-ċavetta, jista' jiġri l-fatt illi jiċċaqalqu l-*components*, din hija xi ħaġa komuni, pero' m'għamel l-ebda sforz biex ibiddilha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li r-rikorrenti mar għand id-ditta ntimata biex ibiddel il-batterija taċ-ċavetta u meta reġgħet ġiet installata, iċċaqalqu xi *components,* bil-konsegwenza li ċ-ċavetta ma baqgħetx tiffunzjona tajjeb.

Illi t-Tribunal, jinnota wkoll illi ċ-ċavetta kienet ilha għand ir-rikorrenti għal tlettax-il sena.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte,* u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmenin ewro (€80), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888